MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 363/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Dalli**
**Anthony Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Dalli u Anthony Caruana talli fil-Gudja fis-6 ta' Ottubru 2002 ghall-habta tas-1.30 p.m. bhala s-Segretarju u l-President rispettivament tal-banda La Stella, Gudja, kisru l-kundizzjoni numru 9 tal-kundizzjonijiet imposti mal-permessi tal-baned, u dan billi ippermettew li jindaqq marc li mieghu sar diskors insolenti u dispregjattiv versu persuni ohrajn;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Ottubru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Carmelo Dalli u Anthony Caruana hatja skond l-imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannathom ghal hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmijin Carmelo Dalli u Anthony Caruana pprezentat fit-22 ta’ Ottubru 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberahom in kwantu sabithom hatja u kkundannathom ghal multa ta’ hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) kull wiehed u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi u applikazzjoni skorretta tal-ligi; (2) Bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hi eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti jghidu li l-ewwel Qorti skartat ghal kollox il-principju fondamentali *nullum crimen sine lege*. L-imputazzjoni dedotta kontra taghhom ma tikkostitwixxi ebda reat, la fil-Kodici Kriminali u lanqas f’ebda ligi ohra. Izda anke jekk jikkostitwixxi reat, l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali li ccitat l-ewwel Qorti m’ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-imputazzjoni dedotta. Jghidu li fil-mori tal-kawza qatt ma sar accenn ghal dak l-artikolu u ghalhekk ma setghux jirregolaw ruhhom fil-konfront tieghu. Barra minn hekk, isostnu l-appellanti, ix-xhud John Mangion stqarr li ebda wiehed mill-appellanti (allura imputati) ma ghajru u ghalhekk ma setghetx tirrizulta imputazzjoni ta’ ingurja kontra taghhom. U jekk intqal kliem insolenti minn xi partitarji, l-appellanti ma

setghux jehlu huma *in solidum* ta' htijiet imputabbli lil haddiehor.

L-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti hi wahda specifika u cioe` li fil-kwalita` taghhom ta' Segretarju u President tal-Banda La Stella tal-Gudja, "kisru l-kundizzjoni numru 9 tal-kundizzjonijiet imposti mal-permessi tal-baned, u dan billi ppermettejtu li jindaqq marc li mieghu sar diskors insolenti u dispreggjattiv versu persuni ohra." L-ewwel Qorti sabet htija taht l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min **"ma jobdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallihx jew ifixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru, billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra"**.

Huwa minnu li l-iskrittura esebita (Dok. JA) tikkontjeni klawzola li tipprovdi li: "Il-Membri tal-Kumitati huma obbligati ukoll, flimkien mas-Surmast tal-Banda rispettiva taghhom, li ma jindaqqux marci li maghhom qed isir kliem dispreggjattiv jew insulenti versu persuni ohra. Jekk ma' xi marc jinholoq mieghu xi diskors dispreggjattiv jew insolent, dan il-marc m'ghandux jindaqq aktar". U l-istess skrittura mbaghad tipprovdi li: "Din l-iskrittura hija kundizzjoni fil-permessi kollha tal-Festa ta' Santa Marija fil-Gudja, intenzjonata biex tissalvagwardja "l-ORDNI PUBBLIKA"; ghalhekk kull partenza jew ksur ta' xi kundizzjoni minn din l-iskrittura titqies ksur tal-Ordni Pubblika skond il-Ligijiet ta' Malta…." Izda l-imputazzjoni <u>kif formulata</u> ma tikkostitwixxix reat kontra l-imsemmi artikolu 338(ee). Barra minn hekk l-iskrittura esebita tirreferi ghall-festa ta' Santa Marija fil-15 ta' Awissu u ma tirreferix ghall-festa tal-Madonna tar-Ruzarju f'Ottubru u, ghalkemm wiehed jista' jassumi li l-kundizzjonijiet kienu l-

istess, pero` ma ngabitx l-ahjar prova mill-prosekuzzjoni, u cioe` skrittura li turi li l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-permessi kienu l-istess. L-ewwel Qorti osservat ukoll illi Anthony Caruana beda jghajjar lill-Ispettur Agius u jzebilhu. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti dan mhuwiex tollerabbli. Difatti agir bhal dak jimmina l-isforzi li jkunu saru mill-Pulizija biex festa timxi bl-akbar ordni possibbli. Pero` ma ngabet l-ebda imputazzjoni kontra l-appellant Caruana f'dan is-sens u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx l-anqas issib htija skond l-artikolu 338(ee) ghal dak l-agir kundannabbli tal-President ta' Kazin tal-Banda.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta u minnha tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------